TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

## Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT 188/18/B

Bernard Gauci
Vs
Frans Camilleri

Illum, 11 ta' Dicembru, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fit-23 ta' Dicembru 2019

Ra illi l-intimat baqa' ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba u minkejja li attenda ghas-seduta wahda quddiem it-Tribunal huwa ma ressaq l-ebda prova;

Ra l-Atti tal-process u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti indika illi hu u Karl Tabone xtraw propjeta' minghand Mariella u Mark konjugi Burton ossija l-fond Rivindell, 435, Triq il-Vitorja, Qormi. Illi l-konjugi Burton kienu inkarigaw lil initmat sabiex jaghmel xogholijiet taht l-iskem 'Irrestawra Darek' mahruga mill-Gvern u li r-rikorrenti qablu illi l-intimat kellu jkompli bix-xogholijiet pendenti u dan sat-23 t' April 2018. Illi minkejja dan il-ftehim u minkejja diversi estensjonijiet l-intimat baqa' ma lestiex x-xogholijiet.

Illi xehed bil-gurament Karl Tabone li spejga illi apparti ix-xoghol li gie mqabbad jaghmel mis-sid tal-fond precedenti, hu u r-rikorrenti Bernard Gauci inkarigawh sabiex jaghmel xoghol ulterjuri u dan ghal logga, tqaxxir ta' bibien, zebgha etc. Illi x-xhud spejga illi huma ppruvaw jigru wara l-intimat sabiex ikompli x-xoghol li minn naha tieghu kien

jipprometti li ser ikompli x-xogholijiet minkejja li dan qatt ma sehh. Illi x-xhud spejga li finalment il-partijiet iffirmaw skrittura (esebita bhala Dok 2) fejn il-partijiet qablu dwar ix-xoghol li kellu isir sa 31 ta' Lulju 2018. Illi minkejja dan ix-xogholijiet ma tlestewx u l-partijiet ghal darba ohra estendew t-terminu sal-31 t' Awwissu 2018 u iehor sal-ahhar ta' Settembru. Illi kien fl-10 t' Ottubru li x-xhud u Bernard Gauci batu l-ittra registrata fejn talbu lill-intimat is-somma ta' € 2650 ossija d-depositu. Ix-xhud jishaq illi l-initmat kien ghamel kuntatt maghhom fejn infurmahom illi x-xoghol li hua kien ghamel kien ekwivalenti ghad-depositu pero x-xhud ma qabilx u dan peress illi x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Xehdet bil-gurament Mariella Berti li kkonfermat illi hija kienet inkarigat lil intimat sabiex jaghmel xogholijiet fil-fond li sussegwentament hija u zewgha ttrasferew a favur tar-rikorrenti u Karl Tabone. X-xhud spejgat illi l-ewwel bicca xoghol li l-intimat gie inkarigat kienu l-aperturi tal-faccata u sussegwentament hija kienet inkarigatu ghal faccata wara li l-intimat kien assiguraha illi jahdem il-gebel li kien ser ikollu 4 jew 6 haddiem fuq il-lant tax-xoghol. Illi x-xhud spejgat illi mal-ewwel beda dewmien tant illi sal- bejgh l-initmat kien lesta biss 2 aperturi. Illi hija xehdet ukoll illi l-kwotazzjoni moghtija lilha mill-intimat, hija kienet applikat ghall-iskema irrestawra darek u ghalhekk il-vaur moghti ghax-xogholijiet indikati kienu marbutin ai termini tal-istess skema.

Illi Ruth Attard Xehdet bil-gurament u ikkonfermat illi l-iskrittura privata iffirmata bejn il-partijiet u esibita Bhala Dok 2 hija kienet iffirmata bhala xhud tal-firma tant illi ikkonfermat illi l-istess skrittura giet ffirmata mill-partijiet fil-prezenza taghha.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*
>
> *4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi l-intimat naqas milli jipprezenta r-Risposta bil-miktub tieghu minkejja illi hija gie debitament notifikata kif ukoll naqas milli jipprezenta provi quddiem

dan it-Tribunal minkejaa li kien debitament notifika u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma gietx kontestata.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-partijiet kien ilhom ghaddejin minn battibekki u dan peress li l-inimat naqas milli jkompli x-xogholijiet minkejja d-diversi promessi. Illi dan wassal ghall-iskrittura privata li giet iffirmata nhar 07 ta' Gunju, 2018 fejn il-partijiet qablu dwar ix-xogholijiet li kellhom jigu kompletati mill-intimat sal-31 ta' Lulju 2019 u fin-nuqqas: "*Jekk ix-xoghol ma jitlestiex inti tithallas tax-xoghol li tkun ghamilt skond l-evalwazzjoni li ssir mill-perita stess, izzarma l-apparat, tirritorna kull bicca li zarmajt mill-gallarija u l-hadid, tirritorna d-deposit ta' 2650 Eur u titlaq sa mhux iktar tard minn 10 ijiem ta dan il-ftehim*"[1]

Illi t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti prova jasal bonarjament mal-intimat tant illi minkejja l-stess skrittura huwa gedded sal-ahhar ta' Settembru 2018 sabiex l-intimat ilesti x-xogholijiet kollha izda minkejja dan huwa baqa' moruz u dan kif jidher ukoll mid-diversi ritratti ezebiti kollettivament bhala Dok 3.

Illi ghalhekk it-Tribunal jonqsu biss jezamina jekk x-xoghol maghmul mill-intimat kienx ekwivalenti ghad-depozitu u dan senjatament skont dak maqbul fl-iskrittura privata datata 07 ta' Gunu 2019. Illi mir-rapport tal-Perit William Lewis datat 10 t' April 2019 jirrizulta illi effettivament ix-xoghol li sar mill-intimat ma kienx skont is-sengha u l-arti tant illi kkawza danni fil-fond tar-rikorrenti: "*It is believed that the wrong methodology and lack of consistency caused damages to the facade that could have been prevented*"[2]. Illi ghalhekk jirrizulta illi x-xoghol li lahaq sar mill-intimat ma sarx skont is-sengha u l-arti konsegwentament ir-rikorrenti ghandu dritt ghar-refuzjoni tad-depozitu skont il-ftehim tas-7 ta' Gunju 2018.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

[1] Ara Dok 2 - Skrittura Privata datata 07 ta' Gunju 2019
[2] Ara Dok 5 - Rapport tal-Perit William Lewis datat 10 t' April 2019

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq spejgati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lil intimat ihallas is-somma komplessiva ta' elfejn sitt mija u hamsin Euro (€ 2650) ghar-ragunijiet Hawn indikati.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-intimat.

Avv. Paul Borg
Arbitru